# IL-PREMILLEN-JALIŻMU
# U
# L-BIBBJA

Minn
George Ebejer

# IL-PREMILLENJALIŻMU U L-BIBBJA

Id-duttrina li Ġesù għandu jiġi lura fid-dinja, iwaqqaf saltna tad-dnija, u jsaltan fuq it-tron ta' David għal elf sena hija rriferuta bħala Premillenjaliżmu. F'li nittratta ma' dan is-suġġett, jiena sejjer nagħti tweġibiet tal-Bibbja għal tliet mistoqsijiet pertinenti ħafna.

1. Tgħallem il-Bibbja li Ġesù Kristu għandu joqgħod fuq it-tron ta' missieru David?
2. Tgħid il-Bibbja meta Kristu għandu jibda l-ħakma Tiegħu fuq it-tron ta' David?
3. Tgħid il-Bibbja meta l-ħakma ta' Kristu fuq it-tron ta' David tispiċċa?

Meta nkunu ħallejna l-Bibbja li twieġeb dawn il-mistoqsijiet għalina, aħna mbagħad nagħmlu ċerti osservazzjonijiet oħra.

L-ispirazzjoni tgħidilna, permezz ta' Pawlu,

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

## 1. TGĦALLEM IL-BIBBJA LI ĠESÙ KRISTU GĦANDU JOQGĦOD FUQ IT-TRON TA' MISSIERU DAVID?

Ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-Bibbja tgħallem li Ġesù Kristu għandu joqgħod fuq it-tron ta' David. Isaija 9:6-7 jgħid,

> "*Għax tweldilna tifel; ingħatalna iben: u s-setgħa tkun fuq spallejh, u jissem-*

*ma ismu Kunsillier tal-Għaġeb, Alla qawwi, Missier għal dejjem, Il-Prinċep tal-Paċi. Mill-kobor tas-setgħa u s-sliem tiegħu ma jkunx hemm tmiem, fuq it-tron ta' David, u fuq saltnatu, biex iwaqqafha, u jwettaqha bil-ħaqq u bis-sewwa, minn issa u għal dejjem. Il-ħeġġa tal-Mulej ta' l-eżerċti tagħmel dan.*"

Dan il-pasaġġ biċ-ċar huwa profezija ta' Kristu fuq it-tron ta' missieru David.

Ġeremija biċ-ċar ipprofetizza wkoll dwar dan meta hu kiteb,

"*Ara, jiġu l-jiem, igħid il-Mulej, li nnissel lil David Rimja ġusta, u Sultan isaltan u jimxi bil-għaqal u jagħmel il-ħaqq u s-sewwa fuq l-art. Fil-jiem tiegħu Ġuda jkun salvat, u Iżrael jgħammar fiż-żgur: u dan hu l-isem li bih isejħulu: IL-MULEJ IL-ĦAQQ TAGĦ-NA* (Ġeremija 23:5-6).

F'Atti 2:25-28 l-appostli Pietru, ikkwota minn Salm 16, u hu qal li David f'dak is-salm kien qiegħed jitkellem dwar Ġesù ta' Nażaret. Imbagħad Pietru ddikjara f'versi 29-30,

"*Irġiel u aħwa, ħalli nkellimkom bla tlaqliq fuq il-patrijarka David, li hu mejjet u midfun, u l-qabar tiegħu għadu fostna sal-lum. Mela billi kien profeta, u billi kien jaf li Alla kien*

*wiegħdu b'ħalfa, li mill-frott ta' ġenbejh, skond il-ġisem, iqajjem 'il Kristu biex joq-għod fuq it-tron tiegħu.*"

Ma jista' jkun hemm ebda dubju li David tkellem dwar żmien meta Kristu kellu joqgħod fuq it-tron ta' David, għaliex dak hu preċiżament dak li l-appostlu ispirat qal li David kien qiegħed jitkellem dwaru.

## 2. TGĦID IL-BIBBJA META KRISTU GĦANDU JIBDA L-ĦAKMA TIEGĦU FUQ IT-TRON TA' DAVID?

Kieku l-Bibbja ma qaltinhiex meta Kristu kellu joqgħod fuq it-tron ta' David, aħna ma jkollna l-ebda mod li nkunu nafu, u jkun hemm raġuni tajba għal dan, u aħna nagħmlu żball kbir f'li naħsbu li dan se jkun meta Ġesù Kristu jerġa' jiġi. Iżda l-Bibbja tgħidilna meta Ġesù Kristu għandu jokkupa t-tron ta' David. Il-Bibbja tgħidilna dan sewwasew fil-vers li jmiss wara li Pietru ħabbar li David kien qiegħed ilissen profezija dwar iż-żmien meta Hu "*iqajjem 'il Kristu biex joqgħod fuq it-tron tiegħu.*" Sewwasew il-kliem ta' wara ta' Pietru, f'versi 31-33, huwa dan:

"*Hu, billi ra minn qabel dan, tkellem fuq il-qwmien ta' Kristu, li ruħu ma tħallietx fl-imwiet, u lanqas ġismu ma ra t-taħsir. Dan Ġesù qajmu Alla, li tiegħu aħn alkoll xhud. Għalhekk billi kien imgħolli bil-leminija ta' Alla, u billi ħa mingħand il-Missier il-wegħda*

> *ta' l-Ispirtu s-Santu, hu xerred dan, li intom qegħdin taraw u tisimgħu issa.*"

Pietru qal li David ipprofetizza dwar żmien meta Kristu jkun imqajjem biex joqgħod fuq it-tron tiegħu, u li hu kien qiegħed jirreferi għaż-żmien meta Ġesù jkun imqajjem mill-mewt u jitla' għand il-Missier. Jekk iż-żmien ta' meta Ġesù joqgħod fuq it-tron ta' David kellu jkun meta Hu (Ġesù) jerġa' jiġi, hawn huwa l-post fejn il-Bibbja kieku kienet tgħidu dan. Minflok, Pietru, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, id-dikjara li l-profezija ta' David dwar Kristu fuq it-tron kienet imwettqa meta Ġesù qam mill-mewt u tela' fl-id il-leminija tal-Missier.

B'dan f'moħħok, innota Danjel 7:13-14,

> "*Jien rajt fil-viżjonijiet tal-lejl, u, ara, wieħed bħal Bin il-bniedem ġej mas-sħab tas-sema, u ġie lejn ix-Xiħ tal-jiem, u ressquh quddiemu. U lilu kienet mogħtija l-ħakma, u l-glorja, u saltna, biex il-popli kollha, ġnus, u nies ta' kull ilsien jaqduh: il-ħakma tiegħu, ħakma ta' dejjem, li ma tgħaddix, u s-saltna tiegħu li ma tinqeridx.*"

Hawn hija profezija dwar il-Bin il-bniedem ikun mogħti saltna. Żewġ affarijiet li jinsabu f'din il-profezija jeħtieġu attenzjoni speċjali għall-iskopijiet ta' l-istudju tagħna.

1. Bin il-bniedem kien mogħti din is-saltna meta hu ġie *lejn* mhux *minn*, ix-Xiħ tal-jiem.

2. Binil-bniedem ġie lejn ix-Xiħ tal-jiem "*mas-sħab tas-sema*," l-istess mod li Hu ħalla din l-art meta tela' fis-sema (Atti 1:9).

Dan jaqbel perfettament mad-dikjarazzjoni ta' Pietru li l-profezija ta' David dwar Kristu fuq it-tron tiegħu kienet qed tirreferi għall-qawmien ta' Ġesù mill-mewt u t-tlugħ Tiegħu fis-smewwiet. Ġesù *issa* qiegħed fuq it-tron ta' missieru David.

Ma hemm ebda vers fil-Bibbja kollha li jirreferi għal Kristu fuq it-tron ta' David li jikkontradixxi dak li Pietru ddikjara f'Atti 2. Kull passaġġ bħal dan jista' jkun b'mod korrett applikat għall-fatt li Kristu qiegħed *issa* jsaltan fil-lemin ta' Alla. Ara jistax il-kliem ikun aktar ċar minn dan:

> "*Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi; l-istess kif* ***jien****, meta rbaħt,* ***qgħadt ma' Missieri fuq it-tron Tiegħu***" (Rivelazzjoni 3:21; ara wkoll 22:1).

It-tron tal-Missier u t-Tron ta' Kristu huma *l-istess* tron, u *t-tnejn* qegħdin fuqu! "Fil-lemin ta' Alla" ma jfissirx li Kristu qiegħed f'xi pożizzjoni inqas mill-Missier imma lit-tnejn qegħdin fuq l-istess tron, it-Tron ta' Alla!

## 3. TGĦID IL-BIBBJA META L-ĦAKMA FUQ IT-TRON TA' DAVID TISPIĊĊA?

Billi issa nafu meta l-ħakma ta' Ġesù Kristu għandha tibda, nistgħu aħna nkunu nafu wkoll meta din se tispiċċa jew tiġi fit-tmiem? It-tweġiba hija Iva, 'l Alla

tagħna irrivela lilna fl-Iskrittura li Kristu għandu jkom-pli jsaltan sakemm Hu jerġa' jiġi. Fl-ewwel Korintin 15, l-appostlu Pawlu qiegħed jiddiskuti l-qawmien mill-imwiet, li għandu jsir meta Ġesù Kristu jerġa' jiġi. F'versi 22 sa 26 Pawlu qal dan li ġej:

> "*Għax bħalma bil-bniedem ġiet il-mewt, bil-bniedem ukoll ġie l-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma f'Adam kulħadd imut, hekk ukoll kulħadd jarġa' jieħu l-ħajja fi Kristu. Imma l-ewwel frott; imbagħad dawk li huma ta' Kristu fil-miġja tiegħu. Imbagħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa. Għax jeħtieġ isaltan, sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġljeh. L-aħħar għadu li jinqered hi l-mewt.*"

Innota l-kliem, "*fil-miġja tiegħu*" (vers 23). Sew-wasew il-kliem ta' wara huwa, "*Imbagħad [fil-miġja tiegħu] jiġi t-tmiem.*" Il-kliem li jiġi wara jagħmilha ċara li huwa t-tmiem tal-ħakma Tiegħu, u li Hu "*jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier*" (vers 24). Imbagħad jintqal li Hu jsaltan "sa ma l-aħħar għadu jkun meqrud, u dak l-aħħar għadu hi l-mewt, li tkun meqruda meta Ġesù jiġi u jqajjem il-mejtin. Il-versi li aħna nnutajna huma ċari ħafna. Huma jgħallmu ċar li Ġesù Kristu ilu fuq it-tron ta' David sa mill-Jum ta' Pentekoste ta' Atti 2, u li Hu jkompli jsaltan fuqu sa ma l-mejtin ikunu mqa-jma meta Hu jerġa' jiġi. Jintqal li Ġesù Kristu se "*ja-*

*għti s-saltna 'l Alla l-Missier.*" Il-mistoqsija li toħroġ weħidha hawn hija din: Liema saltna Ġesù se jagħti lil Alla l-Missier jekk, kif isostnu l-Premillenjalisti, is-saltna għadha ma twaqqfitx?

Hemm numru ta' ħwejjeġ oħra li huma mgħallma ċari fl-Iskrittura Mqaddsa li, meta jkunu mifhuma sewwa, iżommu lil dak li jkun milli jkun imkaxkar fl-iżball tal-Premillenjaliżmu:

*L-ewwel*, is-saltna tal-Mulej hija *spiritwali* fin-natura tagħha, u mhux materjali jew fiżika kif igħallmu l-Premillenjalisti. Fi Ġwanni 18:36 Ġesù qal b'mod l-aktar ċar:

> "*Is-saltna tiegħi m'hijiex ta' din id-dinja. Li kienu saltnati kienet ta' din id-dinja, l-għases tiegħi kienu jiġġieldu biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud;* ***imma tabilħaqq saltnati m'hijiex ta' hawn***" (enfasi tiegħi).

Għaliex, mela, xi wħud jinsistu li Ġesù jerġa' jiġi f'din id-dinja biex iwaqqaf saltna tad-dinja, ta' hawn? Għal dawk li qegħdin iħarsu għall-ħaġa bħal din, il-mistoqsija ta' l-appostlu Pawlu lil Galatin hija fl-ordni:

> "*Daqshekk intom boloħ? Bdejtu bl-ispirtu u issa sa tkomplu bil-ġisem*" (Galatin 3:3).

Għandha saltna fiżika (tal-ġisem) tkun ippreferuta minn saltna spiritwali, il-knisja ta' Ġesù Kristu?

*It-tieni*, il-mewta ta' Ġesù u t-twaqqif tal-knisja kienu fil-pjan ta' Alla sa mill-eternità kollha. Id-

duttrina premillenjali hija li Ġesù ġie fid-dinja biex iwaqqaf saltna tad-dinja, imma biddel il-pjan Tiegħu meta Hu kien irriġettat mil-Lhud. Mela meta Ġesù u l-Missier raw lin-nazzjon Lhudi kien se jirriġetta lil Ġesù Kristu bħala Sultan tagħhom, huma ddeċidew li jipposponu t-twaqqif tas-saltna. Minflok is-saltna, huma ddeċidew li jwaqqfu l-knisja. Imbagħad Ġesù Kristu jiġi lura f'xi żmien fil-futur u jwaqqaf fuq l-art is-saltna li Hu kien intenzjona li jwaqqaf l-ewwel darba li Hu ġie. Imma l-Premilenjalisti ma jafux illi li kieku Ġesù tassew ried li jwaqqaf saltna fiżika fuq l-art Hu kellu l-isbaħ ċans li jagħmel dan. Isma' xi jgħid l-appostlu Ġwanni:

> "*Għalhekk dawk in-nies, meta raw dan is-sinjal li għamel Ġesù, qalu: 'Dan hu tassew il-profeta li għandu jiġi fid-dinja!' Imma Ġesù, meta ntebaħ li kienu ġejjin biex jeħduh* ***bilfors ħalli jagħmluh sultan****, reġa' warrab waħdu lejn il-għoljiet*" (Ġwanni 6:14-15; enfasi tiegħi).

Mela Ġesù, li kieku tassew ried li jwaqqaf saltna fuq l-art hawn kellu l-isbaħ opportunità li jagħmel dan. Huma rieduh "bilfors."

F'konnessjoni ma' din it-teorija xi mistoqsijiet jiġu f'moħħna. Ma kienx jaf 'l Alla Omnixjenti (li jagħraf kollox) li l-Lhud kienu se jirriġettaw lil Kristu bħala Sultan tagħhom? Ma kellux 'l Alla Omnipotenti s-setgħa li jagħmel dak li Hu fassal li jagħmel, ukoll għalkemm il-Lhud jirriġettaw lil Ibnu? Iżda mistoqsija

aktar interessanti hija din: Jekk Alla ma kienx jista' jagħmel l-ewwel darba dak li Hu fassal li jagħmel f'li jwaqqaf is-saltna Tiegħu permezz ta' Ġesù Kristu, *kif jafu l-Premillenjalisti li Hu jkun suċċess fit-tieni darba?* U jekk jafu, minn fejn jafuh dan?

Il-verità hija li Alla kien jaf li l-Lhud kienu se jirriġettaw li Ġesù bħala s-Sultan tagħhom. Hu qabbad lil Isaija xi seba' sekli qabel, biex jikteb,

> "*Hu kien immaqdar, u maħrub min-nies; raġel ta' l-uġigħ, u magħfus bil-mard, bħal wieħed li naħbu wiċċna minnu; kien immaqdar u xejn ma qisnieh*" (Isaija 53:3).

Fil-fatt, Pietru ddikjara fil-Jum ta' Pentekoste f'Atti, kapitlu tnejn, li Ġesù kien mogħti biex ikun imsallab "*skond il-għerf u l-pjan imfassal minn qabel ta' Alla*" (Atti 2:23). Fi kliem ieħor, waqt li l-Lhud ħasbu li huma kienu għelbu lil Ġesù ta' Nażaret billi sallbuh, Alla fuq fus-smewwiet kien jaf li kollox kien sejjer eżattament skond il-pjan. Dan kien dak li kellu jsir għall-knisja biex tkun imwaqqafa, u l-knisja hija:

> "*skond il-pjan li hu kien fassal sa minn dejjem fi Kristu Ġesù Sidna*" (Efesin 3:11).

---

*Regola waħda fundamentali biex tifhem il-Bibbja hija li passaġġi oskuri u figurattivi għandhom ikunu interpretati fid-dawl*

*tal-passaġġi ċari u letterali; mhux bil-kontra.*

---

*It-tielet*, Rivelazzjoni 20:1-6, l-unika silta tal-millennju fil-Bibbja, issemmi xi erwieħ (mhux iġsma) ta' dawk li "*kellhom rashom maqtuha minħabba x-xhieda ta' Ġesù*" (mhux aħna), u dawn l-erwieħ "*għexu u saltnu ma' Kristu elf sena*" (vers 4), Imma s-silta ma tgħidx jekk din il-ħakma kinetx jew għandix tkun. It-tron ta' David mhuwiex imsemmi f'din il-konnessjoni, u lanqas Ġerusalem. Fil-fatt, id-dinja nfisha mhijiex imsemmija f'din is-silta. Jiena naf li Ġesù mhux se jsaltan fuq din l-art wara li Hu jerġa' jiġi, għaliex? Għax kif diġà rajna, Hu jieqaf milli jsaltan f'dak il-waqt (1 Korintin 15:24). Imma hemm it-tieni raġuni li jiena naf dan, u din hija li din id-dinja ma tibqax aktar; din tkun maħruqa. L-appostlu Pietru jgħid hekk,

> "*Imma bħal ħalliel bil-lejl jasal jum il-Mulej; meta s-smewwiet jgħibu b'ħoss kbir, u l-elementi maħruqin jinħallu bi sħana kbira, u l-art u l-egħmejjel ukoll fiha jinħarqu*" (2 Pietru 3:10).

Xi wħud jippruvaw iħawdu dan il-kliem ispirat biex ma jkissirx it-teorija tagħhom għaliex huma jgħallmu li din l-art se tibqa'. Imma l-kliem ma jistax ikun aktar ċar milli hu.

Rivelazzjoni 20:1-6 huwa biċ-ċar lingwa figurattiva ħafna. Dawn il-versi jsemmu dragun, li huwa annimal li ma jeżistix. Isemmu bir bla qiegħ, u l-irbit ta' Satana

b'katina. Huwa dan kollu letterali? Ċertament li le! Jiena nista' ma nifhimx is-sinjali u s-simboli kollha f'Rivelazzjoni 20, imma jiena naf li din il-lingwa figurattiva u oskura ma tistax tkun interpretata ħalli tieqaf f'kontradizzjoni għall-passaġġi kollha ċari u letterali li jittrattaw mal-ħakma ta' Kristu fuq il-knisja Tiegħu. Kif ikkwotajt aktar qabel, regola waħda fundamentali biex tifhem il-Bibbja hija li l-passaġġi oskuri u figurattivi għandhom ikunu interpretati fid-dawl tal-passaġġi ċari u letterali; mhux bil-kontra!

*Ir-raba'*, Ġesù mhux se jerġà jqiegħed riġlejh fuq din l-art. Imkien fil-Bibbja ma jintqal dan. Jiġu kkwotati xi siltiet mill-Bibbja (bħal Atti 1:11) biex jippruvaw juru dan imma dawk is-siltiet ma jgħidux dan! 1 Tessalonikin 4:18 jgħid ċar li meta Ġesù jerġa' jiġi, il-qaddisin,

> "*ninħatfu flimkien...fis-sħab, biex jiltaqgħu mal-Mulej fl-ajru:* ***u hekk inku-nu dejjem mal-Mulej***" (enfasi tiegħi).

Kif il-Mulej ħalla din l-art?

> "*Wara li qal dawn il-ħwejjeġ, huma u jħarsu, irtafa';* ***u sħaba ħaditu*** *minn quddiem għajnejhom*" (Atti 1:9; enfasi tiegħi).

Iż-żewġt irġiel lebsin l-abjad qalulhom:

> "*...Dan l-istess Ġesù, li rtafa' fis-sema minn magħkom, hekk għad jarġa' jiġi bħal ma rajtuh sejjer fis-sema*" (Atti 1:11).

Kif huma rawh sejjer? "U *sħaba* ħaditu." "U kif Hu jiġi? "***fis-sħab, biex jiltaqgħu mal-Mulej fl-ajru***" mhux fuq l-art!

*Il-ħames*, il-Premillenjalisti jitolbu qawmien tal-mejtin ġusti elf sena qabel mal-mejtin ħżiena jkunu mqajma. Imma l-Bibbja tgħallem ċar li l-mejtin kollha, kemm il-ġusti u kemm il-ħżiena, għandhom ikunu mqajma *fl-istess* siegħa. Isma' x'jgħidilna Ġesù Nnifsu:

> "*La tistagħġbux b'dan: għax tasal is-siegħa, li dawk kollha li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu. U joħorġu; dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażen, għall-qawmien tal-kundanna*" (Ġwanni 5:28-29).

Fil-fatt, erba' darbiet differenti f'kapitlu wieħed biss mill-Vanġelu ta' Ġwanni, Ġesù ddikjara li l-ġusti jkunu mqajma "*fl-aħħar jum*":

> "*U din hi r-rieda tal-Missier li bagħatni, li ma nitlef xejn minn dak kollu li tani, imma li nqajmu **fl-aħħar jum**... U din hi r-rieda ta' dak li bagħatni, li kull min jara l-Iben, u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem: u jien inqajmu **fl-aħħar jum**... Ħadd ma jista' jiġi għandi, jekk Missieri li bagħatni ma jiġbdux; u jien inqajmu **fl-aħħar jum**...Min jiekol ġismi, u jixrob demmi, għandu l-ħajja ta' dejjem; u jien inqajmu **fl-aħħar***

> ***jum*** ” (Ġwanni 6:39, 40, 44, 54; enfasi tiegħi).

Imbagħad Ġesù Nnifsu iddikjara fi Ġwanni 12:48 li dawk li jmaqdruh u ma jilqgħux il-Kelma Tiegħu jkunu *ġġudikati* “*fl-aħħar jum*.” L-istess jum li l-ħżiena jkunu ġġudikati jkun l-istess jum li l-ġusti jkunu mqajma. Ma hemm ebda lok għal elf sena bejn iż-żewġ ġrajjiet kif jitolbu l-Premillenjalisti!

Jekk inti taċċetta t-tagħlim tal-Premillenjaliżmu, allura dak li qal Ġesù, ma tistax taċċettah. Imma int għandek għażla x’se taċċetta: Kliem il-Mulej jew kliem l-għalliema foloz! It-tagħlim tal-Mulej jew it-teoriji ta’ l-għalliema u l-profeti foloz moderni! Trid tiddeċiedi liema se taċċetta għaliex ma tistax taċċetta t-tnejn! (Ara Atti 5:29).

*Is-sitta*, il-Premillenjalisti jemmnu li l-miġja ta’ Kristu hija imminenti. (Jiena għandi 63 sena u din il-ħaġa, liż-żmien hu imminenti, ili nismagħha ħajti kollha u jekk wieħed jaqra dwarha jsib li ilha tintqal sa minn sekli ilu liż-żmien hu imminenti). Huma jemmnu li ġrajjiet *kurrenti* jipprovdu sinjali biex iħalluhom li jkunu jafu li l-miġja Tiegħu hija qrib. “Il-ġrajjiet *kur-renti*” nistqasi jien ta’ liema sena? Għall-Premillen-jalisti mijiet ta’ snin ilu wkoll kienu jgħidu “l-ġrajjiet kurrenti”! Is-“sinjali” li normalment huma jirreferu għalihom, iżda, huma s-sinjali li Ġesù qal **lid-dixxipli Tiegħu** meta Hu kien għadu preżenti magħhom biex iħarsu għalihom ħalli b’hekk **huma** jkunu jistgħu jafu meta Ġerusalem kienet fil-qrib li tkun mirbuħa. Iżda dwar il-ħin ta’ l-aħħar miġja Tiegħu, Ġesù qal,

> "*Imma b'dak il-jum u b'dik is-siegħa ħadd ma jaf, le, lanqas l-anġli fis-smewwiet, lanqas l-Iben, iżda l-Missier. Għassu, ishru, u itolbu: għax MA TAFUX META JKUN IŻ-ŻMIEN*" (Mark 13:33).

L-apostlu Pawlu jgħid dan il-kliem b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu waqt li jkun qiegħed iwissi lill-Kristjani fit-Tessalonika:

> "*Ħuti, għal dak li għandu x'jaqsam mat-tieni miġja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ġemgħa tagħna biex ningħaqdu miegħu, nitolbukom biex ma toqogħdux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta' jum il-Mulej qorbot, u la jekk tkunu mnebbħin mill-Ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra* ***taparsi*** *minn għandna.* ***Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod****...*" (2 Tessalonikin 2:1-3; enfasi tiegħi).

"*La jekk tkunu mnebbħin mill-Ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi minn għandna.*" Din hija twissija għalina li turina li aħna, bħala Kristjani m'għandniex nemmnu dak it-tagħlim falz, ikun ġej minn fejn ikun ġej! Xi wħud jgħidu li għandhom l-Ispirtu s-Santu u jnebbaħom. Dan il-kliem intqal għalihom. Oħrajn jgħidu li kellhom rivelazzjoni. Dan il-kliem intqal bħala twissija għalihom ukoll. Aħna m'għandna "nħallu lil ħadd min

iqarraq bina, **b'ebda mod**." Dan jurina ċar li ma hemm xejn minn dak li jintqal mill-Premillenjalisti li aħna għandna naċċetaw!

## 4. IL-KNISJA U L-IMFIETAĦ

Ġesù wiegħed li fuq il-blata, il-verità li Hu 'l Kristu li Pietru kien stqarr, Hu kien se jibni l-knisja Tiegħu (Matew 16:15-19). Ġesù wiegħed lil Pietru l-imfietaħ tas-saltna; għalkemm f'passaġġi oħra din l-istess awto-rità hija mogħtija lil l-appostli l-oħra wkoll (Mattew 18:18). Fl-illustrazzjoni tal-knisja bħala bini mibni fuq pedament, Pietru huwa ppreżentat bħala l-gwardjan tal-bieb. "Imfietaħ" jissimbolizzaw awtorità (awtorità mhux li jagħmel liġijiet ġodda imma li *jħabbar* l-Aħbar it-Tajba). Dan kien ifisser li hu, (u l-appostli l-oħra) ta il-gwida ta' l-Ispirtu s-Santu, kellu jiddikjara, flimkien ma' l-appostli l-oħra, il-kondizzjonijiet tad-dħul fil-knisja. Huma ma kinux jistgħu jidħlu qabel ma jkunu daħlu mill-bieb kif ipproklamat minn Kristu permezz ta' Pietru u l-appostli l-oħra. Jekk l-"imfietaħ" ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-knisja, u ma kellhomx jekk il-knisja u s-saltna huma żewġ taqsimiet diffe-renti, għaliex il-Mulej tagħna semma l-imfietaħ u lil qiegħed lil Pietru bħala l-gwardjan tal-bieb meta Hu tkellem dwar li jibni l-knisja Tiegħu?

Ukoll, l-appostlu Pietru kellu juża l-imfietaħ f'ħajtu u hekk għamel. Hu użahom fil-Jum ta' Pentekoste biex jiddikjara l-Evanġelju lil-Lhud, u l-kondizzjoni-jiet tad-dħul tagħhom fil-knisja jew is-saltna, għaliex hu tkellem dwar il-*ħakma* ta' Kristu fuq il-leminija ta' Alla (Atti 2:34-38, 40, 41). Għaliex Kristu bagħat lil

Pietru fid-dar ta’ Kornelju biex jagħti prova li l-Lhud u l-Pagani (Ġentili) kellhom jidħlu fil-knisja mill-istess bieb ta’ fidi fi u aċċettar tal-grazzja ta’ Alla? (Atti 15:7-11). Jekk il-Premillenjaliżmu hu korrett, allura Pietru qatt ma uża l-imfietaħ tas-saltna, u mhux se jużahom qabel it-tieni miġja ta’ Kristu u t-twaqqif tas-saltna f’dak iż-żmien. Dan ċertament li jkun żmien twil għal Pietru u l-appostli l-oħra li jġorru magħhom l-imfietaħ tas-saltna li għalihom huma ma jkollhom ebda użu matul it-taqsima ta’ l-Evanġelju!

Mela, meta Kristu waqqaf il-knisja Tiegħu, u meta Pietru uża l-imfietaħ? Fl-Ewwel Pentekoste wara l-qawmien Tiegħu.

*L-ewwel*, Kristu Hu l-Bennej għax Hu bagħat l-Ispirtu (Atti 2:33), u permezz ta’ Pietru u l-appostli l-oħra Hu rrivela li Hu issa qiegħed isaltan, qiegħed jaħkem fuq l-id il-leminija ta’ Alla. Pietru ddikjara l-kondizzjonijiet tad-dħul fil-knisja ta’ Kristu, u Kristu żied magħhom “*min jum għal l-ieħor lil dawk li jkunu salvi*” (Atti 2:36-38, 40, 41, 47).

*It-tieni*, Pietru ħabbar il-pedament tal-verità f’dak il-jum, jiġifieri, il-verità li Ġesù Hu ’l Kristu. Madankollu, fil-Pentekoste permezz ta’ l-Ispirtu s-Santu Hu awtorizza lil Pietru biex iħabbar li Hu kien ’il Kristu li qiegħed jaħkem jew isaltan fuq l-id il-leminijia ta’ Alla (Atti 2:36). Dan kien dak li l-priedka ta’ Pietru kienet imfassal ħalli tagħti prova. Pietru avvanza erba’ linji ta’ xhieda. (a) It-twettiq tal-profezija. (b) Il-mirakli ta’ Ġesù. (ċ) Il-qawmien (Atti 2:33). (d) Il-wirja mirakoluża f’Pentekoste (Atti 2:1-6, 8, 11-33). Fuq il-bażi ta’ dawn l-evidenzi hu kkonkluda li Ġesù Hu ’l

Kristu (Atti 2:36). Din kienet il-verità lin-nies aċċettaw, u f'sottomissjoni għas-Sinjurija ta' Ġesù huma kienu mgħammdin Fih.

*It-tielet*, Pietru uża l-imfietaħ f'dak il-jum biex idaħħal lil-Lhud fis-saltna, imma wera li aktar minn Lhud ikunu msejħa minn Alla (Atti 2:38-41). Pietru ma kienx l-uniku wieħed li tkellem f'Pentekoste, imma hu kien il-kelliemi prinċipali. Aktar minn hekk, Alla uża lil Pietru biex jiddikjara s-Sinjurija ta' Ġesù u l-kondizzjonijiet tad-dħul fi Kristu lill-Ġentili (Atti 10: 47-48; 15:7-11). Ladarba l-Mulej bena l-knisja Tiegħu fuq il-verità li Hu 'l Kristu, u ladarba Hu wera li Pietru jkollu xi ħaġa x'jaqsam magħha, flimkien ma' l-appostli l-aħra (Mattew 16:18-20; 18:18), u ladarba Hu kien imħabbar bħala Mulej u Kristu fil-Pentekoste, mhuwiex ċar li Pietru ħabbar it-twaqqif tal-knisja, u l-ħakma ta' Kristu, bil-Jum ta' Pentekoste u mhux kienet imwaqqfa (jew se titwaqqaf) f'xi żmien ieħor?

Xi wħud forsi jistaqsu: "Imma Kristu m'għamilx distinzjoni bejn il-knisja u s-saltna?" Hu qal li l-knisja kellha tinbena fuq il-blata, u li l-imfietaħ tas-saltna jkunu mogħtija lil Pietru u lil l-appostli l-oħra wkoll.

*L-ewwel*, ukoll jekk il-knisja u s-saltna huma differenti (li mhumiex), għadu tassew li Kristu bena l-knisja Tiegħu fuq il-blata f'Pentekoste.

*It-tieni*, jekk il-knisja hija ħakma waħda ta' Kristu, u s-saltna hija ħakma oħra ta' Kristu, għaliex Ġesù tkellem dwar li jibni l-knisja Tiegħu u mbagħad, meta tkellem ma' Pietru fl-istess konverżazzjoni, fl-istess nifs, u fuq l-istess suġġett, qal li Hu kien se jagħtih l-imfietaħ tas-saltna li ma kellhom ebda relazzjoni

għall-knisja? Ma hemm ebda indikazzjoni li Kristu tkellem dwar żewġ affarijiet differenti.

*It-tielet*, sewwasew fl-istess ħin li Pietru ħabbar il-verità li Ġesù Hu 'l Kristu (il-Messija), il-verità li fuqha hija mibnija l-knisja, Pietru ħabar ukoll li Ġesù Hu Sultan. Jekk Pietru f'dak il-waqt, kif ukoll fid-dar ta' Kornelju, ma wżax l-imfietaħ tas-saltna, allura meta huwa wżahom? Wara mewtu? Barra minn dan, jekk dawk li jgħallmu lis-saltna kienet ipposponuta huma korretti, dan ikun ifisser li Pietru **qatt** ma uża l-imfietaħ tas-saltna u Ġesù joħroġ ta' giddieb! Imma kif aħna nafu li Pietru u l-appostli l-oħra ipproklamaw li Ġesù Hu Sultan f'Pentekoste? Salm 110:1-4 wera li Ġesù kellu jsaltan jew jaħkem bħala Sultan u Qassis. Pietru qal li dan huwa mwettaq fil-ħakma preżenti ta' Kristu. Pietru qal hekk:

> "*David ma telax fis-smewwiet, iżda hu nnifsu jgħid, 'Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fuq il-lemin tiegħi, sa ma nkun qegħidt l-egħdewwa tiegħek taħt riġ-lejk.' Mela ħa jkun jaf bi żgur il-poplu kollu ta' Iżrael li lil dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messi-ja*" (Atti 2:34-36. Ara wkoll Lhud 8:1-4).

Pietru qal li Ġesù Hu kemm Mulej kif ukoll Kristu. It-terminu *Mulej juri li Hu mexxej*. Dan huwa wkoll ippruvat bil-fatt li Pietru qal li Kristu kien f'dak il-waqt qiegħed jaħkem fl-id il-leminija ta' Alla (Atti 2:33-35).

*Ir-raba'*, dan jarmonizza perfettament mat-tagħlim ta' l-appostlu Pawlu li dak li kien involut fil-wirja ta' Alla tal-kobor ta' l-għaġeb Tiegħu ma kienx biss il-qawmien ta' Kristu, imma wkoll li hu kien magħmul biex:

> "*joqgħod fin-naħa tal-lemin Tiegħu fis-smewwiet, wisq 'il fuq min kull domin-ju, ħakma u setgħa, u qawwa, u kull isem li jissemma, mhux biss f'did-din-ja, imma f'dik ukoll li ġejja…*" (Efesin 1:19-21).

Xi wħud jippruvaw igħidu li "fin-naħa tal-lemin ta' Alla" tfisser li Kristu għadu mhux qiegħed fuq it-tron minn fejn Hu jsaltan. Imma jekk aħna nħallu l-Iskrit-tura tgħidilna hi fejn Kristu tassew qiegħed, allura malajr nifhmu xi tfisser il-frażi "fin-naħa tal-lemin ta' Alla." Ġwanni jgħid hekk f'Rivelazzjoni 3:21,

> "*Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod ma-ġenbi fuq it-tron tiegħi; l-istess kif jien, meta rbaħt, **qgħadt ma' Missieri fuq it-tron tiegħu**.*" (Ara wkoll Rivelazz-joni 22:1)

Kristu qiegħed fuq it-tron ta' Alla u tal-Ħaruf. It-tnejn qegħdin fuq *l-istess* tron *bl-istess* awtorità!

Għalhekk l-eżaltazzjoni ta' Krsitu biex isaltan fuq l-id il-leminija ta' Alla kienet ħaġa li Alla għamel. Iżda ħaġa oħra li Alla għamel fil-manifestazzjoni tal-qaw-wa Tiegħu kienet li:

> "*qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-knisja kollha, li hi ġismu; il-*

> *milja ta' dak li jimla kollox f'kollox*" (Efesin 1:22-23).

Din hija l-istess imħabbra f'Pentekoste fejn jintqal lilna li Ġesù kien eżaltat għall-id il-leminija ta' Alla u jsaltan sakemm l-egħdewwa kollha jkunu mirbuħa (Atti 2:34-35). Din hija l-istess ħakma meta l-ħwejjeġ kollha jkunu mpoġġija taħt riġlejh, il-ħakma li fiha l-aħħar għadu (il-mewt) għandu jkun mirbuħ; u *l-ħakma li mbagħad għandha tkun segwita bl-għotja tas-saltna lill-Missier* (1 Korintin 15:24). Pawlu jitkellem dwar il-miġja ta' Kristu. Mbagħad huwa qal:

> "*Mbagħad jiġi t-tmiem meta hu jagħti s-saltna 'l Alla, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa.* ***Għax jeħtieġ isaltan, sa ma*** *jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh. L-aħħar għadu li jinqered hi l-mewt. Għax Alla qiegħed kollox taħt riġlejh*" (Dan huwa dak li qal Pawlu f'Efesin 1:22). *Imma meta jgħid li kollox kien imqiegħed taħtu, jidher li barra dak li qegħidlu kollox taħt. U meta kollox ikun imqiegħed taħtu, mbagħad l-Iben stess jitqiegħed taħt Alla li jkun qegħidlu kollox taħtu,* ***sabiex Alla jkun kollox f'kollox***" (1 Korintin 15:24-48; enfasi tiegħi).

Kristu issa qiegħed jaħkem u Alla qiegħed kollox taħtu. Madankollu, ħafna ma għarfux il-fatt tal-ħakma Tiegħu. Għalhekk, Dak li issa qiegħed jaħkem għandu

jaħkem sakemm—sakemm meta? Sakemm kollox ikun imqiegħed taħtu, u l-aħħar għadu li għandu jkun imqiegħed taħtu hija l-mewt. Dan isir meta Kristu jiġi, il-ġudizzju jsir, il-mewt u mkien l-imwiet ikunu mix-ħuta fl-għadira tan-nar, u aħna nidħlu fl-istat etern (Rivelazzjoni 20:11-15; 21:1-5). Ġesù Kristu *issa* qiegħed isaltan fis-saltna Tiegħu, għaliex Hu jsaltan fil-leminijia ta' Alla u aħna, *issa*, ninsabu fis-saltna Tiegħu, il-knisja Tiegħu (Kolossin 1:13). Issa Hu qiegħed isaltan fis-saltna Tiegħu inkella *Hu qatt ma jkun jista' jagħti* lil Alla l-ħakma, is-saltna (1 Korintin 15:24), meta Hu jkun qered l-aħħar għadu. Taqbel int ma' dan li l-Kelma ta' Alla tgħidu bi kliem daqshekk ċar, jew taqbel int mat-tagħlim falz tal-bnedmin?

Il-knisja ta' Kristu u s-saltna ta' Kristu mhumiex ħlief żewġ modi li titkellem dwar l-istess realtà. Meta naħsbu dwar in-nies Tiegħu bħala l-knisja Tiegħu, aħna naħsbu dwar il-pożizzjoni ta' l-awtorità ta' Kristu u r-relazzjoni Tiegħu għall-knisja bħala dik tar-Ras. Meta nitkellmu dwar in-nies Tiegħu bħala saltna, aħna naħsbu dwar ir-realzzjoni Tiegħu bħala Sultan. Fiż-żewġ każi, hija r-relazzjni ta' awtorità fuq in-nies Tiegħu. Għalhekk, ma nkunux sorpriżi li meta Kristu tkellem dwar li jibni l-knisja Tiegħu fuq blata, Hu tkellem dwar l-imfietaħ tas-saltna. Aħna m'aħniex sorpriżi meta Pietru ħabbar li Ġesù hu 'l Kristu (il-Messija), isaltan fuq l-id il-leminija ta' Alla. Pietru uża wkoll imfietaħ (flimkien ma' l-appostli l-oħra), f'li ddikjara, bħala l-gwardjan tal-bieb, il-kondizzjonijiet għad-dħul fis-saltna jew ħakma ta' Kristu. Aħna m'aħ-niex sorpriżi li meta l-eżaltazzjoni

ta' Kristu kienet imlissna mill-appostlu Pawlu, Pawlu tkellem dwarha taħt l-idea tal-ħakma fl-id il-leminija ta' Alla, u l-idea ta' Kristu bħala r-Ras fuq il-ġisem li hu l-knisja tiegħu (Efesin 1:19-23).

*Il-ħames*, hemm xi ħaġa oħra li hija importanti ħafna. Kristu jsaltan mhux biss bħala Sultan fl-id il-leminija ta' Alla, imma huwa wkoll il-Qassis il-Kbir. L-istess ħakma li fiha huwa Sultan hija l-ħakma li fiha huwa Qassis il-Kbir. Jekk issa Kristu mhuwiex fis-saltna Tiegħu isaltan, allura issa Hu mhuwiex lanqas il-Qassis il-Kbir. Jekk Hu mhuwiex il-Qassis il-Kbir tagħna, aħna m'għandna lil ħadd li permezz tiegħu nistgħu nersqu lejn it-tron tal-grazzja ta' Alla. Iżda, Pietru ħabbar il-ħakma ta' Kristu fl-id il-leminija ta' Alla f'Pentekoste fi twettiq tal-profezija nfisha li qalet li Hu jkun mhux biss Sultan fil-ħakma fl-id il-leminija ta' Alla, imma wkoll il-Qassis il-Kbir (Atti 2:34-36; Salm 110:1-4). Pietru ma kabbarx fuq is-saċerdozju l-kbir f'Pentekoste, imma l-profezija wriet li dan hu l-istess ħakma. Is-saċerdozju kbir huwa mkabbar aktar tard. Il-ktieb lil-Lhud huwa mimli bih. Kristu Hu l-Qassis il-Kbir tagħna (Lhud 2:17-18), il-"Qassis il-Kbir ta' l-istqarrija tagħna" (Lhud 3:1), Kristu Hu Dak li permezz tiegħu aħna nersqu lejn it-tron tal-grazzja (Lhud 4:14-16), Hu msejjaħ minn Alla għal dan is-saċerdozju (Lhud 5:1-10), u Hu jgħix għal dejjem biex jagħmel interċessjoni (jidħol) għalina (Lhud 7:25-28). Dan is-saċerdozju huwa bħal dak ta' Melkisedek f'dak li Kristu Hu kemm Sultan kif ukoll Qassis fuq it-tron Tiegħu (Lhud 7:1-28). Dan hu t-twettiq ta' l-istess

profezija tal-ħakma li bdiet f'Pentekonste (Salm 110:4; Atti 2:34-36; Lhud 5:6, 10; 7:11, 15-17).

> "*Issa l-qofol ta' dak li għidna hu dan: Għandna bħala qassis il-kbir, wieħed li qiegħed in-naħa tal-lemin tat-tron tal-Maestà fis-smewwiet; Ministru tas-santwarju, u tat-tabernaklu veru, li waqqfu l-Mulej, u mhux il-bniedem*" (Lhud 8:1-2).

Jekk il-ħakma ta' Kristu li hija pproklamata f'Pente-koste mhijiex il-ħakma preżenti ta' Kristu, aħna llum ninsabu mingħajr Qassis il-Kbir biex jinterċiedi għali-na. Aħna llum ninsabu mingħajr ebda aċċess għat-tron tal-grazzja ta' Alla permezz ta' Kristu l-Qassis il-Kbir tagħna.

Il-Premillenjaliżmu mhux biss mhuwiex mgħallem fil-Bibba Mqaddsa, dan jieqaf ukoll f'kontradizzjoni għat-tagħlim ċar tagħha. Għalhekk dan għandu jkun irriġettat bħala duttrina falza!

Il-Kelma ta' Alla twissina biex:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisim-għux*" (Efesin 5:6).

*Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas. Għamel dan illum!*

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda ta' l-Ispir-*

*tu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Korintin 13:13).

**Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana:**

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10
e-mail: **info@churchofchristmalta.com**
jew: **www.churchofchristmalta.com**